A.L. 88 ta' l-2004

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)

Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 5 dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi fuq il-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, bħala l-awtorità kompetenti maħtura għall-finijiet ta' l-istess Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 Mejju, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

"awtorità barranija" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE:

(a) biex jaġixxu bħala l-awtorità ta' sorveljanza dwar l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea konċernata f'dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE skond kif imfisser fid-Direttiva, jew

(b) biex tagħmel id-doveri provduti fid-direttiva dwar istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li qed teżerċita jew li qed tipproponi li teżerċita d-dritt Ewropew;

"awtorita kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att;

"awtorità tas-sorveljanza" tfisser l-awtorità barranija fi Stat Membru jew Stat ŻEE;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2000/12/EC ta' l-20 ta' Marzu, 2000 dwar il-ftuħ u t-tmexxija ta' negozji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu kif emendata minn żmien għal żmien;

"direttivi bankarji" tfisser id-direttivi bankarji skond kif imfisser fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att;

"dritt Ewropew" tfisser id-dritt ta' persuna li twaqqaf fergħa, jew tipprovdi servizzi, fi Stat Membru jew Stat ŻEE barra minn dak fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha -

(a) skond it-Trattat kif applikat mill-Istati Membri jew Stati ŻEE; u

(b) soġġetta għall-ħtiġiet tad-Direttiva u soġġetta għal kull regoli, regolamenti jew direttivi bankarji magħmula taħt l-Att li jimplimenta dawk il-ħtiġijiet;

"fergħa" tfisser post ta' negozju li jkun jifforma parti dipendenti legali ta' l-istituzjoni ta' kreditu u li tmexxi t-transazzjonijiet kollha, jew whud minnhom, li huma inerenti għall-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu; kull numru ta' postijiet ta' negozju stabbiliti fl-istess Stat Membru jew Stat ŻEE minn istituzzjoni ta' kreditu bi kwartieri ġenerali fi Stat Membru jew Stat ŻEE ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda;

"l-istituzzjoni ta' kreditu" tfisser impriża li n-negozju tagħha jkun li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jridu jitħallsu lura mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti akkont tagħha stess;

"istituzzjoni ta' kreditu Ewropea" tfisser istituzzjoni kif imfisser fl-Artikolu 1 tad-Direttiva awtorizzata mill-awtorità barranija tagħha skond kif imfisser fl-Artikolu 4 tad-Direttiva jew awtorizzata mill-awtorità barranija fi Stat Membru jew Stat ŻEE;

"istituzzjoni ta' kreditu Maltija" tfisser persuna li għandha liċenza skond l-Att, li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta u li jkollha dritt li tmexxi attività fi Stat Membru jew Stat ŻEE minbarra Malta fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;

"regoli Maltin" tfisser regoli -

(a) magħmula skond id-Direttiva; u

(b) li huma r-responsabbilta' ta' l-awtorità kompetenti (dwar implimentazzjoni, sorveljanza u infurzar) skond id-Direttiva u li jkunu soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Att u tar-regoli, regolamenti u direttivi bankarji kollha magħmula bis-saħħa tiegħu;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokol iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu 1993 u kif emendat minn żmien għal żmien;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat Membru ospitanti jew Stat ŻEE" tfisser l-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn istituzzjoni ta' kreditu Maltija teżerċita jew tipproponi li teżerċita drittijiet Ewropej;

"Stat Membru tal-pajjiż tagħha jew Stat ŻEE" tfisser l-Istat Membru jew l-Istat ŻEE li fih ikun sitwat l-uffiċċju reġistrat ta' istituzzjoni ta' kreditu jew, jekk taħt il-liġi nazzjonali tagħha ma jkollhiex uffiċju reġistrat, l-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn ikun sitwat l-uffiċċju prinċipali tagħha;

"Trattat" tfisser it-Trattat ta' Ruma ffirmat fl-1957, li jwaqqaf il-Kommunità Ekonomika Ewropea u kif sussegwentement emendat;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji stabbilit skond l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

Taqsima 1 - Eżerċizzji ta' Drittijiet tal-Passaport minn Istituzzjoniijiet ta' Kreditu Ewropej

Eżerċizzji ta' drittijiet tal-passaport minn istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej - twaqqif.

3. (1) Istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun trid tistabbilixxi fergħa f'Malta bl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew, għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' twaqqif speċifikati fis-subregolament

(2) ta' dan ir-regolament u tkun eżentata mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att.

(2) Il-kondizzjoniijet ta' twaqqif għall-finijiet ta' dan ir-regolament huma li -

(a) l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkun tat lill-awtorità ta' sorveljanza fl-Istat Membru tal-pajjiż tagħha jew fl-Istat ŻEE, avviż li jkun fih it-tagħrif meħtieġ ta' l-istat skond ma hemm fl-Artikolu 20 tad-direttiva;

(b) l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż ta' kunsens skond il-paragrafu (ċ) ta' hawn taħt, mingħand l-awtorità tas-sorveljanza ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tgħid li tkun tat il-kunsens tagħha lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tistabbilixxi fergħa f'Malta; u

(ċ) l-avviż ta' kunsens għandu -

(i) jingħata skond id-Direttiva;

(ii) jiċċertifika li l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkun awtorizzata biex taġixxi bħala istituzzjoni ta' kreditu mill-awtorità barranija;

(iii) jidentifika l-attivitajiet li għalihom jirreferi l-kunsens, liema attivitajiet huma inklużi fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(iv) ikun fih it-tagħrif dikjarat fl-avviż mogħti mill-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea imsemmi fil-paragrafu (a) hawn qabel;

(v) jindika l-ammont tal-fondi ta' l-istituzzjoni stess u proporzjon ta' solvibilità jew adegwatezza kapitali bi proporzjon, skond il-każ, ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea; u

(vi) ikun fih id-dettalji ta' kull skema ta' garanzija ta' depożitu li tkun maħsuba biex tħares il-klijenti tal-fergħa.

(3) L-awtorità ta' sorveljanza tal-istituzzjoni ta' kreditu Ewropew għandha tinforma lill-awtorità kompetenti dwar kull tibdil fid-dettalji ta' l-iskema ta' garanzija ta' depożitu imsemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea ma għandhiex tibda tinnegozja jekk -

(a) ma tkunx mgħarrfa mill-awtorità kompetenti b'kull disposizzjonijiet applikabbli u li tkun tista' tistabbilixxi l-fergħa; jew

(b) ma jkunux għaddew xahrejn mid-data minn meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet l-avviż ta' kunsens.

(5) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet mogħtija skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea għandha tagħti avviz bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità tas-sorveljanza tagħha għall-anqas xahar qabel ma timplimenta t-tibdil.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament - "disposizzjonijiet applikabbli" tfisser ir-regoli Maltin li istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi attività identifikata fl-avviż ta' kunsens bil-mezz ta' fergħa f'Malta.

Eżerċizzju ta' drittijiet tal-passaport minn istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej - servizzi.

4. (1) Istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun trid tipprovdi servizzi f'Malta bl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' servizz speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u għalhekk tkun eżentata mid-disposizzjonijiet ta' subartikolu (1) ta' artikolu 5 ta' l-att.

(2) Il-kondizzjonijiet ta' servizz għall-finijiet ta' dan ir-regolament huma li -

(a) l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkun tat lill-awtorità barranija tagħha avviż ta' l-intenzjoni li tipprovdi servizzi f'Malta bid-dettalji meħtieġa skond l-Artikolu 20 tad-Direttiva;

(b) l-awtorità kompetenti tkun irċeviet avviż ta' regolatur mingħand l-awtorità tas-sorveljanza ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet dan l-avviż bl-intenzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tipprovdi servizzi f'Malta, din għandha, meta hekk ikun xieraq -

(a) tħejji għas-sorveljanza ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea; u

(b) tavża lill-istituzzjoni Ewropea ta' kreditu Ewropea bid-disposizzjonijiet applikabbli, jekk ikun hemm.

(4) Fil-każ ta' tibdil f'xi partikolaritajiet provduti mill-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea fl-avviż ta' l-intenzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità tas-sorveljanza tagħha qabel timplimenta dak it-tibdil.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament "disposizzjonijiet applikabli" tfisser ir-regoli Maltin li istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi attività identifikata fl-avviż mill-awtorità tas-sorveljanza ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea billi tipprovdi servizzi f'Malta.

Rapporti lill-awtorità kompetenti.

5. (1) L-awtorità kompetenti tista', għal għanijiet ta' statistika, teħtieġ lil istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun stabbiliet fergħa f'Malta skond dawn ir-regolamenti, biex tirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tagħha f'Malta.

(2) Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha skond kif imfisser fl-Artikolu 27 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, biex tipprovdi l-istess partikolaritajiet bħal istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin għal dak l-għan.

(3) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tipprovdi servizzi f'Malta, biex tipprovdi t-tagħrif meħtieġ għall-fini tas-sorveljanza tagħha fit-tħaris ta' l-istandards stabbiliti mill-awtorità kompetenti, sal-limitu permess bid-Direttiva.

Reklami.

6. Istituzzjoni ta' kreditu Ewropea ma tkunx projbita milli tirreklama s-servizzi tagħha b'kull mezz ta' komunikazzjoni li jista' jinkiseb f'Malta kemm-il darba tħares kull liġi applikabbli u d-direttivi bankarji rilevanti kollha.

Verifiki fuq il-post.

7. (1) Meta istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tmexxi negozju f'Malta permezz ta' fergħa fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew, l-awtorità tas-sorveljanza tagħha tista' wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti, jew hi stess jew permezz ta' intermedjarju li taħtar hi stess għal dak l-għan, tmexxi kull verifika fuq il-post kif imfisser fl-Artikolu 28 kif riferit fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 29 tad-Direttiva.

(2) L-Awtorità barranija tista' wkoll titlob lill-awtorità kompetenti biex tagħmel dik il-verifika fuq il-post. L-awtorità kompetenti tista', fil-qafas tas-setgħat tagħha skond il-liġi, taġixxi

fuq it-talba billi tagħmel il-verifika hi stess jew tħalli lill-awtorità barranija li tagħmel it-talba biex jew tagħmilha hi jew billi tħalli awdituri u esperti jagħmluha huma.

(3) Dan ir-regolament ma jolqotx id-dritt ta' l-Awtorità Kompetenti, fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha taħt id-Direttiva, li tagħmel verifiki fuq il-post ta' fergħat mwaqqfa f'Malta.

Taqsima II - Eżerċizzju ta' Drittijiet tal-Passaport minn istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin.

Eżerċizzju ta' drittijiet tal-passaport minn istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin - twaqqif.

8. (1) Istituzzjoni ta' kreditu Maltija tista' teżerċita dritt Ewropew biex tistabbilixxi fergħa jekk tissodisfa l-ħtiġijiet murija fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament.

(2) Istituzzjoni ta' kreditu Maltija għandha tagħti lill-awtorità kompetenti avviż ta' l-intenzjoni tagħha biex tistabbilixxi fergħa li jkun fiha -

(a) l-Istat membru jew Stat ŻEE li fit-territorju tiegħu l-istituzzjoni ta' kreditu tkun qed tippjana li tistabbilixxi fergħa;

(b) programm ta' tħaddim li jidentifika l-attivitajiet li tkun intenzjonata tmexxi permezz tal-fergħa;

(ċ) l-indirizz tal-fergħa proposta minn fejn jkunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti;

(d) l-istruttura organizzattiva proposta għall-fergħa u l-ismijiet tal-manigers proposti; u

(e) dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun stabbilit bil-mezzi ta' direttivi bankarji.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (6) u (8) ta' dan ir-regolament l-awtorità kompetenti għandha tagħti avviż ta' kunsens skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament lill-awtorità barranija fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi avviż sħiħ ta' l-intenzjoni.

(4) L-avviż tal-kunsens għandu -

(a) jingħata skond id-Direttiva;

(b) jiċċertifika li l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija tkun awtorizzata taġixxi bħala istituzzjoni ta' kreditu mill-awtorità kompetenti;

(ċ) jidentifika l-attivitajiet li għalihom jirreferi l-kunsens, liema attivitajiet huma inklużi fl-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(d) ikun fih it-tagħrif dikjarat fl-avviż ta' l-intenzjoni mogħti mill-istituzzjoni ta' kreditu Maltija;

(e) jindika l-ammont tal-fondi ta' l-istituzzjoni stess u proporzjon ta' solvibilità jew adegwatezza kapitali bi proporzjon, skond il-każ, ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija;

(f) ikun fih dettalji ta' kull skema ta' garanzija ta' depożitu li jkunu maħsuba biex iħarsu il-klijenti tal-fergħa; u

(g) jinkludi dak it-tagħrif l-ieħor kif jista' jkun stabbilit permezz ta' direttivi bankarji.

(5) L-awtorità barranija għandha tkun mgħarrfha mill-awtorità kompetenti b'kull tibdil fid-dettalji ta' l-skema ta' garanzija ta' depożitu msemmija fis-subartikolu (f) tas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Jekk id-dritt Ewropew ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija joriġina mid-Direttiva u l-ħtiġiet speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament ikunu sodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ avviż ta' kunsens lill-awtorità barranija kemm-il darba ma jkollhiex raġuni tiddubita kemm tkun xierqa l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija fir-rigward ta' l-istruttura amministrattiva jew il-qagħda finanzjarja, meta jitqiesu l-attivitajiet previsti:

Iżda fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet imsemmija f'dan is-subregolament, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf b'dan lill-awtorità barranija.

(7) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirrifjuta li tagħti avviż ta' kunsens -

(a) din għandha, fi żmien tliet xhur mid-data meta tkun irċeviet avviż tal-ħsieb komplet, tagħti lill-persuna li tkun tat dak l-avviż ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha bil-miktub; u

(b) dik il-persuna tista' tappella lit-Tribunal u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(8) Fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija ma għandhiex tibda tinnegozja jekk -

(a) l-awtorità barranija ma tkunx għarrfet lill-istituzzjoni ta' kreditu bid-disposizzjonijiet applikabli; jew

(b) ma jkunux għaddew xahrejn mid-data li fiha l-awtorità kompetenti tkun tat l-avviż ta' kunsens mingħajr ma tkun irċeviet xi komunikazzjoni mingħand l-awtorità barranija.

(9) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet komunikati skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità barranija għall-anqas xahar qabel timplimenta t-tibdil.

(10) Is-sorveljanza dwar il-prudenza ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija tkun ir-responsabbilità ta' l-Awtorità Kompetenti sew jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tistabbilixxi fergħa jew tipprovdi servizzi fi Stat Membru jew Stat ŻEE ieħor, mingħajr ħsara għal dawk id-disposizzjonijiet tad-Direttiva li jagħtu r-responsabbilta' lill-awtorità barranija.

(11) F'dan ir-regolament, "disposizzjonijiet applikabli" tfisser ir-regoli ta' l-istat ospitanti li l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija tkun meħtieġa tħares meta tkun qed tmexxi n-negozju permezz tal-fergħa proposta fl-Istat Membru jew Stat ŻEE konċernat.

(12) F'dan ir-regolament "regoli ta' l-Istat ospitanti" tfisser regoli –

(a) magħmula skond id-Direttiva; u

(b) li jkunu r-responsabbilta' ta' l-awtorità barranija ta' l-Istat Membru jew Stat ŻEE konċernat (bħala implementazzjoni, sorveljanza u tħaris) skond id-Direttiva.

(13) l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-għadd u x-xorta ta' każijiet li fihom ikun hemm rifjut skond is-subregolament (7) ta' dan ir-regolament.

Eżercizzju ta' drittijiet tal-passaport minn istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin-servizzi.

9. (1) Istituzzjoni ta' kreditu Maltija ma tistax teżerċita dritt Ewropew biex tipprovdi servizzi kemm-il darba l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija ma tkunx tat lill-awtorità kompetenti, avviż ta' l-intenzjoni tagħha li tipprovdi servizzi kif speċifikat fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, avviż ta' intenzjoni għandu -

(a) jidentifika s-servizzi li tkun bi ħsiebha tipprovdi flimkien ma' programm tat-tħaddim;

(b) jiddikjara f'liema Stat Membru jew Stat ŻEE tkun intenzjonata taħdem; u

(ċ) jinkludi dak it-tagħrif l-ieħor kif jista' jkun speċifikat fid-direttivi bankarji.

(3) Jekk id-dritt Ewropew ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija jinkiseb mid-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha fi żmien xahar minn meta tirċievi avviż ta' l-intenzjoni, tibgħat kopja tiegħu lill-awtorità barranija. Għandha wkoll tikkomunika d-dettalji ta' kull skema ta' garanzija ta' depożitu applikabli maħsuba biex tħares lid- depożitanti.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tibgħat il-kopja taħt is-subregolament (3) jew tagħti avviż ta' kunsens, din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu Maltija konċernata. L-istituzzjoni ta' kreditu Maltija tista' mbagħad tibda tipprovdi dawk is-servizzi fl-Istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE:

Iżda meta jkun hekk adatt, l-awtorità barranija għandha, malli tirċievi l-informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti tindika lill-istituzzjoni ta' kreditu Maltija l-kondizzjonijiet, li min ikun se jipprovdi dawk is-servizzi għandu jħares fl-istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE fl-interess tal-ġid ġenerali.

(5) Fil-każ ta' tibdil f'xi waħda mill-partikolaritajiet provduti mill-istituzzjoni ta' kreditu Maltija fl-avviż ta' l-intenzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu Maltija għandha tagħti avviż bil-miktub ta' dak it-tibdil lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità barranija qabel ma timplimenta dak it-tibdil.

Dritt ta' istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin.

10. Dritt Ewropew jagħti l-jedd lil istituzzjoni ta' kreditu Maltija biex tipprovdi servizz wieħed jew iktar.

Taqsima III - Kontravvenzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej

Kontravvenzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej - servizzi.

11. (1) Meta l-awtorità kompetenti taċċerta li istituzzjoni ta' kreditu Ewopea li jkollha fergħa jew li tkun tipprovdi servizzi f'Malta:

(a) tkun kisret jew x'aktarx tkun se tikser ir-regoli ta' Malta jew xi dipożizzjonijiet ta' l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew

(b) meta kienet tidher li qed tħares kull disposizzjoni bħal dik, tkun tatha tagħrif li hu falz, mhux korrett jew qarrieqi;

l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu konċernata biex tirrimedja u tirrettifika l-qagħda tagħha.

(2) Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tonqos milli tieħu l-passi meħtieġa biex tirrimedja u tirretifika l-qagħda tagħha, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf b'dak in-nuqqas lill-awtorità barranija.

(3) Jekk minkejja l-azzjonijiet meħuda mill-awtorità barranija jew minħabba li dawk l-azzjonijiet jirriżultaw li ma jkunux biżżejjed jew ma jkunux jistgħu jinkisbu f'Malta, l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea tkompli bil-ksur tad-disposizzjonijiet legali jew regolatorji msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament kif fis-seħħ f'Malta, l-awtorità kompetenti tista' wara li tgħarraf lill-awtorità barranija, tieħu l-miżuri xierqa biex twaqqaf jew tippenalizza aktar irregolaritajiet u, safejn ikun meħtieġ, biex twaqqaf lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea milli tibda iktar transazzjonijiet f'Malta.

(4) Kull miżura li tittieħed skond dan ir-regolament għandha tkun komunikata bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikaw dik il-miżura u tkun soġġetta għad-dritt ta' appell lit-Tribunal u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, l-awtorità kompetenti tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tieħu kull miżura kawzjonarja meħtieġa biex jitħarsu l-interessi tad-depożitanti u oħrajn li lilhom ikunu provduti s-servizzi. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-awtorità barranija konċernata b'dawk il-miżuri ma' l-ewwel opportunità li jkollha.

(6) Fil-każ ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità barranija, l-awtorità kompetenti għandha tkun mgħarrfa mill-imsemmija awtorità barranija u għandha tieħu dawk il-miżuri li jkunu xierqa biex ma tħallix lill-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea konċernata milli tibda xi transazzjonijiet oħra f'Malta u biex tħares l-interessi tad-depożitanti.

(7) Projbizzjoni taħt dan ir-regolament tista' tkun -

(a) assoluta; jew

(b) limitata, jiġifieri, imposta għal ġrajja speċifikata jew sakemm jitħarsu kondizzjonijiet speċifikati;

u kull żmien, ġrajja jew kondizzjonijiet speċifikati fil-każ ta' projbizzjoni limitata jistgħu jkunu mibdula mill-awtorità kompetenti u kull avviż bħal dak għandu jkollu effett f'dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-avviż.

Taqsima IV - Kumpanniji barra minn istituzzjonijiet ta' kreditu

Kumpanniji barra minn istituzzjonijiet ta' kreditu.

12. (1) Kumpannija, barra minn istituzzjoni ta' kreditu, li l-attività principali tagħha tkun li takkwista investimenti jew li tmexxi xi waħda jew iktar mill-attivitajiet imniżżlin fil-parti minn 2 sa 12 ta' l-Annes I tad-Direttiva, inkorporata fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, għandha tgawdi dritt Ewropew skond dawn ir-regolamenti kemm-il darba jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpannija tkun sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew is-sussidjara li tkun propjeta' konġunta ta' żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew iktar;

(b) il-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija jippermettu t-tmexxija ta' dawk l-attivitajiet;

(ċ) l-impriża jew impriżi ċentrali tas-sussidjarja jkunu awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istat Membru jew fl-Istat ŻEE bil-liġi li minnha s-sussidjarja tkun regolata;

(d) l-attivitajiet konċernati jkunu attwalment qed jitmexxew fit-territorju ta' l-istess Stat Membru jew Stat ŻEE;

(e) l-impriża jew impriżi ċentrali tas-sussidjarji jkollhom 90 fil-mija, jew iktar mid-drittijiet għall-vot marbuta ma' l-azzjonijiet tal-kapital tas-sussidjarja;

(f) l-impriża jew impriżi ċentrali tas-sussidjarja jkunu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti jew lill-awtorita barranija skond il-każ, dwar l-amministrazzjoni prudenti tas-sussidjarja u jkunu ddikjaraw, bil-kunsens ta' l-awtorità barranija rilevanti, li huma jiggarantixxu *in solidum* l-obbligi li tkun daħlet għalihom is-sussidjarja;

(g) is-sussidjarja tkun effettivament inkluża, b'mod partikolari għall-attivitajiet konċernati, fis-sorveljanza konsolidata ta' l-impriża ċentrali, jew ta' kull waħda mill-impriżi ċentrali, skond l-Artikoli minn 52 sa 56 tad-Direttiva, b'mod partikolari fil-kalkolu ta' proporzjon ta' solvibilità, għall-kontroll ta' riskji kbar u għall-finjiet tal-limitazzjoni ta' investimenti provduti dwarha fl-Artikolu 51 tad-Direttiva.

(2) Tħaris tal-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament ta' qabel dan għandu jkun verifikat mill-awtorità barranija jew mill-awtorità kompetenti jekk din tkun l-Istat Membru tal-pajjiż tagħha, skond il-każ, u din ta' l-aħħar għandha tagħti lis-sussidjarja ċertifikat ta' tħaris li għandu jkun parti mill-avviż ta' kunsens u notifika msemmija fl-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 3, paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 4, subregolament (3) tar-regolament 8 u subregolament (3) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-awtorità kompetenti jew l-awtorita barranija skond il-każ taħt is-subregolament ta' qabel dan, għandhom jiżguraw is-sorveljanza tas-sussidjarja skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 5 u l-Artikolu 16, 17, 26, 28, 29, 30 u 32 tad-Direttiva:

Iżda l-Artikoli tad-Direttiva msemmija f'dan is-subregolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal sussidjarji u l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu" hemmhekk imsemmija għandhom jinqraw bħala li kienu riferenza għal "istituzzjoni finanzjarja li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti bl-Artikolu 19" u riferenzi għall-kelma "awtorizzazzjoni" kienu riferenzi għal "memorandum u statut ta' assoċjazzjoni".

(4) L-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet barranija skond il-każ taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, għandhom ukoll jikkomunikaw l-ammont tal-fondi stess ta' l-istituzzjoni finanzjarja sussidjarja u l-proporzjon ta' solvibilità konsolidat ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun l-impriża ċentrali tagħha.

(5) Jekk kumpannija eliġibbli taħt dan ir-regolament ma tibqax tissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità barranija skond il-każ għandhom jinnotifikaw lill-awtorità l-oħra, u l-attivitajiet li jitmexxew minn dik l-istituzzjoni fl-Istat Membru ospitanti jew Stat ŻEE jsiru soġġetti għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ospitanti jew ŻEE.

Taqsima V - Applikabbilità ta' Dispożizzjonijiet

Applikibilità ta' dispożizzjonijiet.

13. (1) Persuna li, fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkollha fil-pussess tagħha liċenza maħruġa mill-awtorità kompetenti li tkompli tkopri l-provediment tal-partita 1 ta' l-Annes I tad-Direttiva, inkorporata fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u l-attivitajiet addizzjonali l-oħra kollha inklużi f'dak l-Annes I, għandha titqies li hi istituzzjoni ta' kreditu Maltija għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. Iżda dik il-persuna għandha tikkonforma ruħha mad-direttivi bankarji applikabbli kollha maħruġa mill-imsemmija awtorità kompetenti.

(2) Kull liċenza maħruġa wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tindika jekk id-detentur tal-liċenza jkunx istituzzjoni ta' kreditu skond dawn ir-regolamenti.

Taqsima VI - Tifsir

Tifsir.

14. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kumpanniji li jissodisfaw ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti, li jkunu kumpanniji awtorizzati jew mill-awtorità barranija jew mill-awtorità kompetenti; u għalhekk il-kliem "istituzzjoni ta' kreditu Ewropea" għandhom jinqraw daqslikieku kienu riferenza għal kumpannija jew korp magħqud ieħor awtorizzat mill-awtorità barranija u l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu Maltija" għandhom jinqraw bħala riferenza għal kumpanniji awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Għan.

15. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/12/EEC, kif emendata u għandhom ikunu mfissra u applikati skond dan.

(2) Fil-każ li xi wieħed minn dawn ir-regolamenti jkun f'konflitt mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għandha tipprevali d-direttiva.

SKEDA

Annes 1 mad-Direttiva

"LISTA' TA' ATTIVITAJIET SOĠĠETTI GĦAL RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

1. Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura

2. Self

3. *Leasing* Finanzjarju

4. Servizz ta' transmissjoni ta' flus

5. Ħruġ u amministrazzjoni ta' mezzi ta' ħlas (karti ta' kreditu, *travellers' cheques* u *drafts* bankarji u eċċ.)

6. Garanziji u obbligazzjonijiet

7. Kummerċ f'isimhom stess jew akkont tal-klijenti fi:

(a) Dokumenti tas-suq tal-flus (ċekkijiet, kambjalijiet, ċertifikati ta' depożitu u eċċ.)

(b) Kambju barrani

(ċ) Kuntratti finanzjarji u xiri fil-futur u *options* finanzjarji

(d) strumenti ta' kambju u ta' rata ta' mgħax

(e) titoli trasferibbli;

8. Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' titoli u l-provdiment ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-ħruġ

9. Pariri lil impriżi fuq struttura kapitali, strateġija industrijali u kwistjonijiet relatati u pariri kif ukoll servizzi dwar l-għaqda ta' negozji u x-xiri ta' impriżi

10. Senserija ta' flus

11. Amministrazzjoni ta' portafoll u pariri

12. *Safekeeping* u amministrazzjoni ta' titoli

13. Servizzi b'referenza għal kreditu

14. Servizzi ta' kustodja fis-sigurtà "